22003D0007

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 7/2003

tal-31 ta' Jannar 2003

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, l-ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 126/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/48/KE tat-30 ta' Mejju 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/64/KE tal-15 ta' Lulju 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi *cinidon-ethyl*, *cyhalofop butyl*, *famoxadone*, *florasulam*, *metalaxyl-M* u *picolinafen*bħala sustanzi attivi ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu miżjuda fil-punt 12a (id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II tal-Ftehim:

"— **32002 L 0048**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/48/KE tat-30 ta' Mejju 2002 (ĠU L 148, tas-6.6.2002, p. 19),

— **32002 L 0064**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/64/KE tal-15 ta' Lulju 2002 (ĠU L 189, tat-18.7.2002, p. 27)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2002/48/KE u 2002/64/KE fl-ilsna ta' l-Islanda u n-Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 25.
([2]) ĠU L 148, tas-6.6.2002, p. 19.
([3]) ĠU L 189, tat-18.7.2002, p. 27.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2003, prevista li n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-, *Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, 31 Jannar 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali indikati.